# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 21 ta' Jannar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**vs**
**Edward Dominic Polidano**

**Kumpilazzjoni Numru 108/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Edward Dominic Polidano, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 231585(M).

Akkuzat talli fis-26 ta' Frar, 2016, u fix-xhur ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin, flimkien ma' persuna jew persuni ohra, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-dannu tal-Kumpanija maghrufa bhala 'GO' u/jew entita' jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, bil-lok, bil-hin u bil-valur li kumplessivament jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€233.94) izda ma tiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda kaz ta' serq ta' kurrent elettriku a dannu tas-socjeta Go plc mis-substation li din is-socjeta ghadha f'Wied Rini il-Bahrija.

Illi skond rapport li sar lill-pulizija xi hadd kien ghadda wire, li tqabbad ma' plakka fis-substation, minn din is-substation ghal propjeta fil-vicin. Din il-projeta kienet kamra rurali, li ma kellhiex servizz ta' kurrent elettriku ghalhekk is-sid, certu Alexander Schembri, beda juza dan il-wire biex permezz tieghu jikkomunika xi bozzoz u appliances. Il-Pulizija li investigaw dan il-kaz u li accedew fuq il-post[1] ikkonstataw li fis-substation kien hemm wire imqabbad ma plakka; kien johorg mill-ventilatur jinzel ma'l-hajt, jghaddi ma'l-art tal-grounds, taht il-fence li kien jiddelinea il-propjeta tal-Go plc, biex jidhol fil-propjeta ta' Schembri fejn dan il-wire kien jitqaddad ma wire iehor li kien jidhol fil-kmamar ta' Schmebri mill-ventilatur ukoll.

Illi l-imsemmi Alexander Schembri trressaq bhala xhud[2]. Hu kkonferma li ghandu din il-projpeta il-Bahrija u li lill-imputat kien ilu xi zmien jafu tant li kien hemm okkazzjonijiet fejn l-imputat kien imur ghand Schembri ma'

[1] WPS 145 Graziella Zammit, depozizzjoni a fol 9 et seq; u PC57 Matthew Buhagiar, depozizzjoni a fol 73 et seq.
[2] Depozizzjoni a fol 49 et seq.

familjari u hbieb ohra f'din il-kamra. F'wahda minn dawn l-okkazzjonijiet meta Schembri kien qed jilmenta dwar in-nuqqas ta' dawl l-imputat offra li jghaddielu wire. Huma fil-fatt hekk ghamlu. Schembri jghid li l-imputat qatt ma talbu flus jew kwalunkwe hlas iehor.

Illi tressqu diversi ufficjali tas-socjeta Go plc[3]; kemm mid-depozizzjoni taghhom kif ukoll mid-dokumenti li gew esebew setghu jigi konstatati diversi fatti:

- is-substation ta' Wied Rini mhux *manned*; u minbarra bzonn ta' manutensjoni u checking regolari m'hemmx staff allokat hemm. Kull min ikollu bzonn jidhol f'dan is-substation irid icempel meta jasal biex tintefa' l-alarm tal-perimeter u tkun tista tinfetah il-grada li taghti ghall-grounds li fihom hemm is-substation. Biex jifetah il-bieb tal-binja mbaghad trid tintuza *swipe card*. Il-propjeta hija mghammra b'CCTV cameras.
- L-imputat huwa impjegat tas-socjeta Go plc. Fil-kors tax-xoghol tieghu huwa juza van tas-socjeta Go; il-van li normalment juza hija dik li ghandha numru ta' registratzzjoni AQZ598. Il-vans tas-socjeta Go huma mghammra bis-sistema ta' *data-track*.
- Fil-perjodu qabel Frar 2016 kien qed jigi nnutat il-wire iplakkat fis-substation u inqala' mill-plakka. Fid-19 ta' Frar saret spezzjoni u rega' gie innuttat il-wire iplakkat; regga' inqala pero din id-darba il-plakka inqatghet. Saret spezzjoni ohra fis-26 ta' Frar u gie nutat li kienet twahhlet plakka ohra; ghalhekk bdiet investigazzjoni interna. Fid-29 ta' Frar marru ufficjali fuq il-post u ikkonstataw li kien hemm dan il-wire ikkomunikat f'l-intern tas-substation, hiereg mill-ventilatur, jghaddi ma'l-art fil-grounds u jghaddi taht il-fence f'propjeta ta' terzi. F'dan l-istadju sar rapport lill-pulizija.
- Gie stabbilit li l-unici nies ohra li marru fuq il-post wara d-19 ta' Frar kienu l-imputat u certu Raymond Custo, ukoll impjegat mas-socjeta Go plc. Dawn  kienu jidhru fil-filmati tac-CCTV ta'l-20 ta' Frar. Kien

[3] Xehedu Charmaine Galea Triganza: depozizzjoni a fol 17 et seq, 57 et seq, u 87 et seq; Ingrid Azzopardi: depozizzzjoni a fol 61 et seq; Oliver Bonnici: depozizzjoni a fol 65 et seq; Emanuel Gauci: depozizzjoni a fol 78 et seq u 82 et seq; Noel Caciha: depozizzjoni a fol 93 et seq; u Robert Busuttil: depozizzjoni a fol 99 et seq.

l-imputat li cempel biex tintefa' l-alarm, u l-bieb tas-substation infetah b'l-iswipe card tieghu. Permezz tad-data track gie stabbilit ukoll li l-van bin-numru AQZ598 kien instaq sas-substation. Raymond Custo dahal fil-grounds pero ma dahalx fis-substation.

Illi Raymond Custo tressaq bhala xhud ukoll[4]. Huwa ikkonferma li kien hemm okkazzjoni meta hu u l-imputat kienu fuq bicca xoghol flimkien u meta spiccaw l-imputat qallu li kellu bzonn imur Wied Rieni u saqsih jekk iridx imur mieghu; huwa hekk ghamel u marru bil-van li kien qed isuq l-imputat. Meta waslu hemm dahlu it-tnejn pero hu (cioe Custo) baqa fil-grounds jaqta' il-lumi u l-imputat dahal fis-substation.

Illi xehed ukoll l-ufficjal prosekutur[5] li kkonferma li kien sar ir-rapport, x'investigazzjoni ghamlu s-subalterni tieghu, u x'informazzjoni kienet ingabret minghand il-Go plc. Huwa ha l-istqarrija ta'l-imputat[6]. Dan ix-xhud ikkonferma li kienu ttiehdu proceduri penali ukoll fil-konfront ta' l-imsemmi Alexander Schembri, cioe sid il-kamra u l-persuna li kien qed igawdi mit-tehied ta' kurrent elettriku.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat qed jigi adebietat b'serq aggravat bil-persuna, lok, hin u valur a dannu tas-socjeta Go plc, u cioe bis-serq ta' dak il-kurrent eletriku li gie ikkunsmat minn Alexander Schembri permezz tal-wire li kien imqabbad fis-substation.

Illi fil-fehma tal-Qorti u kif jidher mir-riassunt tal-provi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li kien l-imputat li kien qed iqabbad il-wire mal-plakka tas-substation u li dan il-wire kien qed jissuplixxi kurrent elettriku fil-kamra ta' Alexander Schembri. Dan il-fatt jirrizulta mhux biss minn dak li qalu id-diversi ufficjali tas-socjeta Go u l-provi li producew huma imma del resto

---

[4] Depozizzjoni a fol 53 et seq.

[5] Depozizzjoni a fol 25 et seq u fol 101 et seq.

[6] Peress li din l-istqarrija ittiehdet meta l-Ligi kienet ghada ma tipprovdiex ghad-dritt ta' assistenza legali ta' persuni suspettati anke waqt ir-rilaxx ta'l-istaqarrija, konformament ma gurisprudenza ricenti, il-Qorti mhux ser tqies l-istqarrija ta' l-imputat bhala prova ammissibli.

minn dak li jghid Alexander Schembri,  li jghid b'l-aktar mod skjett li kien l-imputat li mhux biss hareg bil-pjan imma li provda lil Schembri bil-wire lest imwahhal mal-plakka fis-substation.

Illi mill-fatti jirrizulta ukoll li l-kurrent elettriku gie ikkunsmat a beneficcju Alexander Schembri u mhux l-imputat; aktar minn hekk irrizulta li l-imputat ma thallasx minghand Schembri ghal dak li ghamel. Ghalhekk l-imputat ghandu jinstab hati ta' komplicita fis-serq u dan ai termini ta'l-artikolu 42(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar l-aggravju tal-valur ghandu jigi rilevat li ghalkemm gie stabbilit li Schembri kien qed jikkonsama kurrent eletrikku li ghalih kienet qed thallas is-socjeta Go plc ma tressqux provi biex juru x'kien il-valur ta' dan il-kurrent elettriku. Fin-nuqqas ta tali prova ma jistax jinghad li dan il-valur jeccedi s-somma ta' (€232.94) u ghalhekk lanqas ma jista jinghad li gie pruvat l-aggravju dwar valur.

Illi l-imputat huwa impjegat tas-socjeta Go plc, is-substation in ezami jinstab 'l barra mill-abitat fil-kampanja, ghalhekk jissussistu l-aggravji tal-persuna u tal-lok.

Illi ghalkemm il-konsum ta'l-elettriku kien qed isir fuq medda ta' granet u hinijiet bejn inzul u tlugh ix-xemx, id-dversi atti li permezz taghhom twettaq ir-reat sehhew matul il-gurnata konsegwentement ma jistax jinghad li jissussisti l-aggravju dwar hin.

Illi ghal kull bon fini u b'referenza ghas-sottomissjoni tad-difiza li ma gietx prezentata kwerela ta'l-offiz ghalhekk l-imputat ghandu jigi liberat, il-Qorti tistqarr li ma taqbilx ma' dak sottomess.

Illi jibda biex jinghad li l-artikolu 544 tal-Kapitolu 9 jipprovdi li:

> *Ma jistgħux isiru proċeduri kriminali, ħlief fuq talba tal-parti privata, f'ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:*
> *(a) stupru vjolent;*

*(b) serq ta' persuna;*
*(ċ) attentat vjolent għall-pudur;*
***(d) serq ta' elettriku** u reati taħt l-artikolu 326(1)(ċ), (e) u (f)*

Illi din id-dispozizzjoni ma tistipulax li t-*talba* trid issir bil-miktub. Fil-fatt l-artikolu 538 ta'l-istess Kapitolu 9 jipprovdi li:

> *Kull persuna li jidhrilha li hi offiza b'reat u tkun trid taghmel kwerela ghall-kundanna tal-hati, jekk maghruf, jew, jekk mhux maghruf, fil-kaz li jinkixef, tista' taghmel din il-kwerela lil kull ufficjal tal-Pulizija, **ukoll b'ittra**[7]**.***

Illi l-Qorti ta'l-Appell Kriminali kellha okkazzjoni tippronunzja ruhha fuq dan il-punt. Fis-sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Sammut et[8] dik il-Qorti qalet hekk dwar l-artikolu 538 u l-htiega o meno ta' kwerela bil-miktub:

> *Il-kelma "ukoll" tfisser li hemm mezzi ohrajn ta' kif tista' ssir kwerela. Mela l-kwerela bil-fomm mhijiex eskluza. Di fatti s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 390 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **"Meta ma jistghux jinfethu proceduri kriminali hlief bit-talba tal-privat, l-imputat jista', ukoll qabel l-ezami tieghu, jitlob li tingieb il-kwerela, jekk din tkun saret bil-miktub, inkella li jingiebu provi ohra ta' dik il-kwerela, jekk din tkun saret bil-fomm"** F'dan il-kaz il-kwerelanti xehdet quddiem l-ewwel Qorti u regghet xehdet quddiem din il-Qorti. Inoltre xehdu l-Ispettur Martin Sammut u P.S. 1244 Nicolai Sant li kkonfermaw dak li marret "tirrapporta" l-kwerelanti.*

Illi anke fil-kaz in ezami rapprezentanti tas-socjeta Go plc, wara li ghamlu investigazzjoni interna, marru ghand il-pulizija biex jirrapportaw dak li kien gara u marru drabi ohra wara biex jghaddu informazzjoni u provi biex ikunu

---
[7] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[8] Mghotija 09.06.2010.

jistghu jittiehdu proceduri fil-konfront ta'l-imputat. L-istess rapprezentanti tas-socjeta Go xehedu quddiem din il-Qorti.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li l-kwerela saret u li konsegwentement ma kien hemm l-ebda ostakolu ghal dawn il-proceduri

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-fedina penali kwazu netta tieghu. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tezercita d-diskrezzjoni taghha ai termini ta' l-artikolu 18 tal-Kapitou 9 u ma' zzidiex il-piena b'mod li l-piena tibqa dik stabbilita f'l-artikolu 281(b) u li din ghandha tigi applikata fil-minimu taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 42(d)(e), 261(d)(e) 268(a), 269(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu b'dan li qed jinstab hati ta' komplicita f'serq aggravat biss bil-persuna u lok u mhux bil-valur u l-hin mill-liema aggravji (ta' valur u hin) qed jigi liberat, u tikkundannah tlettax il-xahar priguneriја li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigir jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**